# Rapport annwali għas-sena 2012

## INTRODUZZJONI

Wasalna għal darba oħra għall-laqgħa tal-lokalità, laqgħa li fiha nagħtu ħarsa lejn il-ħidma li jkun wettaq il-Kunsill matul is-sena ta' qabel.

## PROĠETTI

Matul din is-sena twettqu dawn il-proġetti kif ġej:

**Bankini:** Saru xogħlijiet ta' bankini fi Triq is-Sejjieħ, Triq San Ġorġ u Triq l-Imraden.  Fil-preżent għaddejin xogħlijiet ta' bankini f'Labour Ave minn Transport Malta wara talbiet mill-Kunsill. Saru wkoll xogħlijiet ta' bankini mill-Kumitat Amministrattiv f'Baħar iċ-Ċagħaq fi Triq is-Sikka u Triq il-Lampara filwaqt li mill-Gvern Ċentrali, f'Baħar iċ-Ċagħaq ukoll, saru xogħlijiet ta' bankini fi Triq ir-Ridott u Triq ix-Xambekk.  Ma' dawn inbidlu l-bankini kull fejn sar xogħol ta' kisi bit-tarmak kif se jissemma.

**Toroq:** Matul is-sena li għaddiet il-Kunsill kesa mill-ġdid dawn it-toroq li ġejjin:

- Triq iz-Zonqor
- Triq ix-Xehda
- Triq it-Telekommunikazzjoni
- Triq l-Irdum
- Triq Sir A. Fremantle
- Triq Sir William Jervios (parti t'isfel)
- Triq V. Boron, li saret b'finanzjament speċjali mill-Gvern Ċentrali

Fil-ġranet li ġejjin se jibda x-xogħol fuq Trejqet Nicholas Monsarrat filwaqt li din il-ġimgħa mistenni li jibda x-xogħol fuq il-proġett ta Triq Castro.

B'dawn it-toroq, fl-aħħar tliet snin u nofs il-Kunsill se jkun kesa mill-ġdid tnejn u għoxrin triq apparti l-proġett ta' Triq Castro.

*Triq it-Torri tal-Kaptan, Triq Dun Gakomino Galea, Triq Hal Musulmett, Triq il-Hamrija, Trejqet Dun Nerik Cordina Peres, Triq Ferdinand Von Hompesch, Triq Censu Muscat, Triq Birguma , Triq J Howard, Triq is-Soghda, Triq Santa Marija, Triq il-Qoton, Triq Sir William Jervios (parti), Triq Sir Arthur Fremantle, Triq ix-Xehda, Triq iz-Zonqor, Triq it-Telekommunikazzjoni, Triq l-Irdum, Triq Nicholas Monsarrat, Triq V Boron, Triq l-Iżbark tal-Franċiżi u parti minn Triq l-Iskall.*

Sadanittant il-Gvern Ċentrali, matul l-aħħar sena bena żewġ toroq oħra (Triq San Mark u Triq ġdida fi Triq Jules Verne) filwaqt li jinsab fil-proċess biex jinbdnew Triq il-Forġa u Triq Manwel Magri. Il-Gvern Ċentrali kesa wkoll Triq tal-Labour. It-total ta' toroq mibnija mill-Gvern matul dawn l-aħħar tliet snin u nofs kien ta' wieħed u għoxrin.

*Dawn kienu Triq ta' Mezzi, Triq il-Qoton, Triq Leli Falzon (parti), Triq id-Dejma, Triq Wied Anglu, Triq il-Mazza, Sqaq il-Laqx, Triq Birguma, Triq il-Latmija, Triq in-Nigret, Triq is-Seneskalk , Triq il-Kappella ta' San Mikiel , Triq il-Bajtar, Triq Gaetano Vitale, Triq Mark Anton Scortino, Triq il-Konverzjoni, Triq San Timotju, Triq San Mattew, Triq San Mark, Triq tal-Labour u Triq Gdida fi Triq Jules Verne.*

***Traqqiegħ ta' toroq fil-Magħtab:*** Il-kunsill wettaq ammont ta' xogħol konsiderevoli fil-Magħtab billi raqqa' numru ta' toroq li s-somma involuta qabżet l-€10,000. Dwar dan il-Kunsill organizza wkoll laqgħat ma' uffiċjali ta'

Wasteserv u mill-Ministeru bil-għan li x-xogħol imwiegħed ta' toroq fil-Magħtab isir. Infurmati li għadhom għaddejin bil-pjanijiet iżda ninsabu imwegħda li x-xogħol se jsir żgur.

**Proġetti infrastrutturali:**

***Triq Castro*** – Wara proċess twil kemm ta' permessi kif ukoll ta' *tendering*, ix-xogħol fuq Triq Castro wasal biex jibda u jekk ma jinqala' xejn għandu jibda bejn din il-ġimgħa u l-bidu tad-dieħla. Dan se jkun proġett pjuttost kbir u se jinkludi t-tneħħija tal-maġġoranza tal-wajers imdendlin billi se jgħaddu *service gutters* min-taħt it-triq u l-wiċċ tat-triq se jsir permezz tal-materjal *porfido.* Dan ix-xogħol se jkun qiegħed isir b'finanzjament mill-MEPA mill-Fond għat-titjib urban (UIF).

***Proġett tal-Pjazza quddiem il-Ħniena Divina:*** Il-Kusill ħejja l-pjanti kollha u tefa' l-applikazzjoni l-MEPA li qed tiġi pproċessata. Min-naħa tal-Ministeru tar-Riżorsi qed inkunu mwegħda għajnuna finanzjarja. Infatti diġà wasal l-ewwel parti tal-finanzjament li permezz tagħhom saret it-triq bħala parti mill-ewwel fażijiet.

***Proġett ta' sular fuq il-bini tal-Kunsill*** L-ammont ta' korsijiet u attivitajiet fil-bini tal-Kunsill qegħdin dejjem jiżdiedu. Il-Kunsill għalhekk ħaseb għal pjan biex jibni sala oħra fis-sular ta' fuq biex taqdi għal dawn il-bżonnijiet. L-applikazzjoni mill-MEPA għaddiet u ġiet approvata fit-23 ta' Jannar 2013 u għalhekk, appena l-Kunsill ikunu assigura l-fondi neċessarji, ikun jista' jibda l-proċess tax-xogħol.

***Holy Family Home:*** Wara li l-Kunsill approva li jidħol f'*Public Private Partnership*, qed nistennew l-approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u konferma tal-assistenza finanzjarja mill-Gvern Ċentrali ħalli jkun jista' jibda x-

xogħol meħtieġ.  Permezz ta' dan il-ftehim il-ġonna ta' din id-dar ikunu jistgħu jintużaw mill-anzjani tal-lokal taħt sorveljenza mill-ħaddiema tad-dar.

***Belevederes quddiem il-Knsija ta' San Pawl u żoni oħra:*** Il-Kunsill diġà ħejja pjanijiet biex ikompli jagħmel aktar tisbieħ.  Dawn jinkludu belvedere quddiem il-Knisja ta' San Pawl, fi Triq John Adye u Triq il-Fortizza tal-Mosta.  Dwar dan diġà bdejna xi diskussjonijiet għall-finanzjament tagħhom.  Ix-xogħol ta' Triq il-Fortizza tal-Mosta jista' jinkludi wkoll cycle lane.

***Tisbieħ ta' żona abbandunata bejn Triq is-Sgħoda u Triq l-Għakkies:*** Il-Kunsill diġà għandu l-ewwel pjanti għal tisbiħ ta' din iż-żona biex b'hekk ma tibqax aktar tattira nies irresponsabbli li litteralment qed jagħmluha miżbla.  Dan huwa proġett li, wara li jkollna l-approvazzjoni min-naħa tal-MEPA, nkunu nistgħu napplikaw għall-fondi taħt il-fond għat-titjib urban (UIF).

***Ġnien Santa Marija tal-Anġli***:  Bħal dan iż-żmien sena kien inawgurat Ġnien ġdid f'Baħar iċ-Ċagħaq li ġie ddedikat lil Santa Marija tal-Anġli.  Dan sar mill-Ministeru tar-Riżorsi filwaqt li l-Kunsill ikkontribwixxa s-somma ta' €34,000.

## **Ħidma Edukattiva**

Fejn tidħol l-edukazzjoni l-Kunsill daħal għal inizjattivi mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni biex jorganizza korsijiet tal-*Life Long Learning* biex l-adulti jkollhom l-opportunità li jitgħallmu dak li ma rnexxilhomx jitgħallmu meta kienu iżgħar.  Hemm korsijiet li huma bażiċi, inkluż korsijiet għar-residenti barranin, filwaqt li wieħed jista' jieħu korsijiet biex ikompli jitgħallem aktar.

Minbarra dawn saru diversi korsijiet oħra varji. L-aktar li spikkaw kienu l-korsijiet tal-kompjuters għar-residenti ta' kull età. Permezz tagħhom aktar residenti saru jafu jużaw il-kompjuters u l-internet u li allura ma baqgħux aktar maqtugħin mit-teknoloġija diġitali moderna u mill-ammont ta' servizzi li wieħed jista' jikseb *online*.

Għall-ewwel darba saru wkoll korsijiet tad-drama għat-tfal fejn l-attendenza kienet verament tajba. Korsijiet oħra kienu jinkludu kors fil-kura tal-pjanti, korsijiet dwar is-saħħa u korsijiet tal-ewwel għajnuna.

**Ħidma Soċjali**

Għalkemm bil-limitazzjoni, l-Kunsill ħass li kellu jaħseb ukoll fil-familji. Fuq l-istess direzzjoni tal-Gvern u l-politika Ewropea, il-Kunsill ried jagħti l-kontribut tiegħu biex joffri l-opportunità lin-nisa li joħorġu jaħdmu u għalhekk insista biex fin-Naxxar ikun hawn Ċentru għall-Kura tat-Tfal (Child Care Centre*)*. Dan sar mill-Ministeru tal-Edukazzjoni fuq l-ogħla livelli possibli u huwa attrezzat bil-faċilitajiet kollha moderni biex kull familja tħossha komda tafda liċ-ċkejknin tagħha f'dan iċ-Ċentru. Il-Kunsill se jikkontribwixxi s-somma ta' €4,000 għal dan il-proġett.

**Ħidma sportiva**

Qatt daqs dawn l-aħħar tliet snin u nofs ma kienu organizzati daqstant attivitajiet sportivi. Dwar dan il-Kunsill beda jipparteċipa fi skema għall-Kunsilli Lokali mill-Kunsill Malti għall-Isports. Permezz ta' din l-iskema l-Kunsill organizza diversi dixxiplini sportivi inkluż *keep fit classes, aerobics, zumba,* sports għat-tfal wara l-ħin tal-iskola u dixxiplini oħra.

**Ħidma favur iż-żgħażagħ**

F'din il-leġiżlatura l-Kunsill ħa ħsieb iwaqqaf il-Kunsill Lokali Żgħażagħ bħala parti minn inizjattiva bil-kollaborazzjoni tal-Aġenzija Żgħażagħ. Iż-żgħażagħ ingħaw l-opportunità biex jitgħallmu aktar kif jaħdmu bħala tim u kif jieħdu r-responsabbiltà. Kien ta' sodisfazzjon kbir għall-Kunsill li l-proġett li kien ippreżentat fl-2012 kien approvat mis-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u għalhekk qiegħed jitwettaq proġett bi spiża ta' €10,000 li 20% minnhom jinħarġu mill-Kunsill Lokali.

**Attivitajiet u Kultura**

L-attivitajiet ma naqsux; apparti s-soltu attivitajiet il-Kunsill organizza oħrajn ġodda. L-attivitajiet kienu jinkludu *Hill Climb* bil-kollaborazzjoni tal-Malta Motorsports Federation u bil-fondi jmorru għall-Istrina, il-Wirja ta' Arti Delizzji u Snajja, li baqgħet kull sena tgħola fil-livell tagħha, l-attività tal-Milied, li bdiet tiġi organizzata fl-2009 u issa daħlet ukoll fil-kalendarju kulturali, l-attività tal-Karnival, l-attività ġdida Festival tal-Fjuri u Mużika, l-attività tad-donazzjonijiet lill-Community Chest Fund u l-attività tal-Car Free Day li għaliha l-Kunsill ibbenefika minn €2000.

Il-Kunsill tella wkoll wirja ta' fotografija tan-Natura minn Guido Bonnet. F'Baħar iċ-Ċagħaq kienet organizzata wkoll għall-ewwel darba Arts in the Park.

Permezz ta' dawn l-attivitajiet mhux biss il-Kunsill kompla jgħolli isem in-Naxxar iżda ħoloq xi ħaġa ġdida għat-turisti u kabbar in-negozju lokali.

Il-Kunsill applika u għadu kemm kiseb id-devoluzzjoni tal-Mitħna tal-Għaqba. La darba l-proċessi kollha jkunu konklużi l-Kunsill ikun jista' jħejji pjan

estensiv għar-restawr tagħha u li permezz ta' dan il-pjan ikun jista' japplika għall-fondi appena jkun hemm l-opportunità. Din eventwalment għandha tkun iċ-Ċentru Kulturali tan-Naxxar bl-għajnuna ta' grupp ta' persuni li l-Kunsill qiegħed jittama li jiffurmaw l-Assoċjazzjoni Wirt Kulturali Naxxari.

Il-Kunsill applika u kiseb ukoll fondi mill-Unjoni Ewropea biex jippromwovi erba' mixjiet li juru s-sbuħija tan-Naxxar fil-forma tal-wirt kulturali u storiku li għandu. Permezz ta' dawn il-fondi l-Kunsill se jgħamel tabelli ma' numru ta' siti filwaqt li għamel ukoll websajt speċifikament fuq dan. Dan segwa xogħol ieħor li għamel il-Kunsill bil-kollaborazzjoni ta' Din l-Art Ħelwa meta ppubblika ktejjeb b'dawn il-mixjiet.

Proġett ieħor mill-isbaħ li għamel il-Kunsill preżenti kien ktieb li juri s-sbuħija tan-Naxxar bl-isem ta' VIVA L-VITORJA. Dan huwa ktieb b'180 ritratt meħudin professjonalment mill-fotografu Ruben Buhagiar. Dan huwa proġett li jagħmel ġieħ mhux biss lill-Kunsill iżda lil kull Naxxari.

## <u>Insebbħu u nissalvagwardjaw l-Ambjent ta' Madwarna</u>

Wieħed mis-suġġetti l-aktar topiċi fid-dinja kollha huwa l-ambjent. Għaliex qies l-importanza kbira tiegħu, il-Kunsill ma naqasx li jieħu dan is-suġġett bis-serjetà u għalhekk ħa diversi inizjattivi biex jiżgura l-isbaħ u l-aqwa ambjent possibbli għan-Naxxar. Naturalment għad fadal ħafna xi jsir iżda żgur li matul dawn l-aħħar erba' snin wettaq ħafna.

L-indafa l-Kunsill kompla jtiha importanza kbira u infatti ninsabu sodisfatti li f'din il-leġiżlatura saru passi kbar 'il quddiem u llum il-livell ta' ndafa fit-toroq tagħna laħaq l-ogħla livelli li qatt kellu.

Il-ġonna kompla wkoll iżidhom u jtihom importanza akbar tant li anki f'dan is-settur il-livell kompla jogħla f'kull parti tal-lokalità. Matul din is-sena l-Kunsill żied iż-żoni billi rranġa u ħawwel żona fi Triq il-Qoton ma' Triq it-Tuffieħ u wkoll żona oħra fi Triq San Mark li għaliha kkontgribwixxiet il-kumpanija FTIAS.

F'din l-aħħar sena l-Kunsill kompla jintensifika l-immaniġġjar tal-iskart u għalhekk issa qiegħed jiġbor ukoll il-ħġieġ bieb bieb minn żona partikulari. Jekk dan l-esperiment jirnexxi inkomplu nżidu ż-żoni fejn jinġabar il-ħġieġ minn wara kull bieb.

Wara li l-Kunsill installa sett ta' pannelli fotovoltajċi fuq il-bejt taċ-Ċentru Ċiviku, din il-ġimgħa se jibdew ikunu installati l-ewwel aperturi bi *triple glazing* biex ikompli jiffranka l-konsum tad-dawl.

**<u>Għas-Servizz tar-Residenti</u>**

Għalkemm permezz tax-xogħlijiet u l-inizjattivi li semmejtilkom il-Kunsill qiegħed ikun ta' servizz għar-residenti li huwa jirrappreżenta, il-Kunsill ried ikompli jaċċerta servizzi oħra li ħafna minnhom huma aktar relatati mal-Amministrazzjoni u l-informazzjoni.

Fejn tidħol l-informatika l-Kunsill Lokali Naxxar, minkejja limitazzjonijiet, kompla jkun fuq quddiem nett. Permezz ta' involviment fi proġett tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bl-isem EGOV4U il-Kunsill installa internet kiosk fl-uffiċċju ħalli min irid ikun jista' jaċċessa s-servizzi tal-Gvern mingħajr ma jistenna fil-kju.

Komplejna nżommu r-residenti aġġornati bil-paġna ta' Facebook u b'sodisfazzjon ngħidu li l-paġna tagħna tiżboq bil-bosta kull paġna ta' Kunsilli

oħra madwar Malta u Għawdex u għalhekk hija l-aktar waħda popolari fost il-paġni tal-Kunsilli Lokali f'Malta.

Il-Kunsill aġġorna wkoll il-websajt tiegħu filwaqt li, permezz ta' fondi mill-Unjoni Ewropea qed jaħdem fuq *websajt* oħra li tippromwovi mixjiet fin-Naxxar għal skop ta' turiżmu.

Il-fuljett tal-Kunsill ***Il-Kuntatt mal-Kunsill Tiegħek*** baqa' jkun ippubblikat regolarment filwaqt li l-Kunsill qiegħed ukoll jippubblika verżjoni bl-Ingliż *online*.

Sistema ġdida u moderna installata fil-Kunsill kienet dik li tintuża mill-Amministrazzjoni biex tirreġistra l-permessi għall-krejnijiet, attivitajiet, skips u oħrajn. Qed ikun ippjanat li fil-futur permezz ta' din is-sistema l-permessi jkunu jistgħu jsiru permezz tal-internet.

Bħala servizzi l-Kunsill ried ukoll joffri xi ħaġa lill-konsumatur filwaqt li jippromwovi n-negozji fin-Naxxar. Dan sar permezz tad-direttorju tal-negozji bl-isem ta' BizNiss li se jkun ippubblikat fil-ġimgħat li ġejjin. Permezz tiegħu l-Kunsill qiegħed jgħin ukoll biex ikabbar l-ekonomija lokali billi r-residenti jitħajru aktar jixtru min-Naxxar u b'hekk jiffrankaw ukoll ħafna skariġġi u sewqan meta l-istess affarijiet li jkunu qed ifittxu jistgħu jsibuhom fil-viċinanzi.

Nirringrazzjakom.